**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA KKR 1330
TEL: 21665500
email: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 18-15

**Data:** 30 ta' Mejju 2015

**Hin:** 9:00 am

**Post:** Uffiċċju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Paul Bongailas – Kunsillier
Michela Zammit- Ambaxxatriċi

Maria Sultana - Kunsilliera ġiet skużata minħabba raġunijiet ta' safar
Sur Vincent Bongailas – Kunsillier ġie skużat minħabba li nqabad fuq xogħol

# MINUTI

**TALBA**

Is-Sindku Speranza Chircop qalet it-talba.

1. **QARI TAL-MINUTI**

   Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f'April 2015.

2. Il-Minuti ġew moqrija u approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Viċi Sindku is-Sinjur Christopher Bruno.

3. **Ħwejjeġ li jirriżultaw mill-Minuti (Seduta 17.15);**

3.1 Punt 4.10 mill-Minuti preċedenti; Is-Sindku spjegat illi it-tweġibiet tar-residenti li joqgħodu Triq il-Luqqata rigward parkeġġi ġodda ġewwa din it-Triq kien wieħed fqir minħabba l-fatt li mhux kulħadd mela il-formola mibgħuta mill-Kunsill aktar kmieni dan ix-xahar u l-ftit li ngabru kienu kollha kontra parkeġġi ġodda.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-parkeġġi m'għandhomx isiru abbażi tal-Informazzjoni li nkisbet mill-Kunsill mill- istess residenti li joqgħodu f'din it-Triq.

3.2 Punt 5.1 mill-Minuti preċedenti; Is-Sindku infurmat lill-Kunsill bit-tweġibiet tar-residenti wara stħarriġ li intbgħat aktar kmieni dan ix-xahar kif kien ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti dwar l-iskips ta' fejn Ġnien is-Salvatur.

Wara il-punti imressqa mir-residenti ta' dawk l-inħawi il-Kunsill qabel Unanimament li l-iskips ta' din in-naħa għandhom jitneħħew immedjatament fuq Prova, kif ukoll tintbgħat ittra lir-residenti biex ikunu infurmati b'dan

3.3 Punt 6.3a mill-Minuti preċedenti; is-Sindku ikkonfermat lill Kunsill illi l-iskips ta Triq il-Kappuċini u Triq Straubenzee ser ikunu qegħdin jerġgħu jitpoġġew kif il-kuntrattur ikollu l-iskips il-ġodda fiż-żmien li ġej.

Is-Sindku ukoll qalet illi tajjeb li l-iskip li ser titqiegħed fi Triq il-Kappuċini għandha Titpoġġa viċin dik li diġa hemm biex ma tkun qed toħloq l-ebda inkonvenjent lin-nies li joqgħodu f'din it-Triq.

Il-Viċi Sindku ukoll spjega illi l-iskip ta' Triq Straubenzee għandha fil-verita titpoġġa fi Triq Melcior DeRoblers biex b'hekk ma jintilef l-ebda parkeġġ. Din l-iskip se tkun qed Titpoġġa f'din it-Triq fuq qbil unanimu ta' prova minħabba il-fatt illi fil-passat kien qed jiġi mormi skart goff li wasslet lill-Kunsill preċedenti li telimina l-istess skip għal kollox. Jekk jinħolqu problemi simili din l-iskip titmexxa għal Triq it-Turetta.

3.4 Punt 6.3c mill-Minuti preċedenti; Is-Sindku infurmat lill-Kunsill illi l-aplikazzjoni għal permess temporanju għal twaħħil ta' dwal ġiet mibgħuta lid-Dipartiment ikkonċernat.

3.5 Punt 5.2c mill-Minuti preċedenti; Is-Sindku ippreżentat kwotazzjoni mingħand il-kuntrattur tal-Kunsill rigward id-dawl ġdid in-naħa tax-Xatt biex b'hekk jisbieħ l-ambjent.

Il-Kunsill qabel unanimament li dan id-dawl għandu jsir kif ukoll ġie suġġerit li din il-biċċa tax-xogħol issir qabel il-Festa tal-lokal jekk dejjem hu possibli.

4. **Korrispondenza:**

4.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar problema li nħolqot fi Triq il-Missjoni Taljana minn meta sar xi xogħol minn naħa tal-Gvern Ċentrali u parti minn din it-Triq ġiet mgħaluqa bil-'bollards'.

Resident li joqgħod f'din l-istess Triq qiegħed jissuġerixxi kif ukoll jitlob il-Kunsill illi din il-parti ta' Triq tiġi għallinqas b'aċċess għar residenti kollha biex b'hekk ikunu jistgħu jidħlu u joħorġu komdi kif kienu qabel anka minħabba il fatt illi it-Triq hija waħda privata fil-verita'.

Il-Kunsill qabel unanimament illi għandha tintbgħat din ir-rikjesta lill Transport Malta kif suppost għal gwida tagħhom bħas-soltu.

4.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar email li rċeviet b'talba ta' 'camping' taħt il-'Film Facilities' in-naħa ta' Ricasoli.

Il-Kunsill qabel illi qabel ma jinħareġ xi permess is-Seg.Eżek. għandha tiċċekja jekk dik l-area taqax taħt il- konfini tal-Kunsill.

4.3 Is-Sindku nfurmat il-Kunsill dwar email li rċeviet mingħand il-kuntrattur il-ġdid li ser ikun qed jieħu ħsieb id-dawl madwar il-Kalkara biex b'hekk jiġi iffirmat kuntratt formali fiż-żmien li ġej.

Il-Kunsill qabel unanimament li dan għandu jiġi iffirmat kif suppost

.

4.4 Is-Sindku nfurmat il-Kunsill dwar kwotazzjoni li kisbet mingħand kuntrattur li jieħu ħsieb is-sinjali tat-traffiku. Din il-kwotazzjoni inġiebet wara diskussjonijiet u approvazzjoni minn naħa ta' Transport Malta fuq żieda ta' sinjali mar-roundabout ta' Triq Patri Mattew Sultana fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku Christopher Bruno

Il-Kunsill qabel unanimamnet li din iż-żieda ta' sinjali għandhom isiru wara li jintemmu ix-xogħolijiet li qed isiru fl-istess Triq f'dar privata minħabba it-trab u l-inġenji li hemm.

4.5 Is-Sindku infurmat il-Kunsill illi ġiet iffinalizzat l-evalwazzjoni tat-Tender ta' l-'Online Streaming' mill-Inġienier is-Sur Vince Rapa u ġie magħżul fuq il- kriterji kollha li kien hemm fit-Tender l-AID Ltd.

Ser ikunu qegħdin jintbgħatu l-ittri bħas soltu lil kull minn sottomessa it-'Tender' u jkomplu il-proċeduri biex titwaħħal is-sistema 'online' fiż-żmien li ġej.

4.6 Is-Sindku infurmat il-Kunsill b'email li rċeviet b'rikjesta ta' tranġar ta' permess ta' dgħajsa minħabba il-fatt illi l-okkupant tad-dgħajsa ser ibigħ dik li jinħareġ il-permess fuqa normalment mill-Kunsill kull sena u ser ikun qiegħed jixtri oħra fiż-żmien li ġej.

Il-Kunsill approva it-tibdil ta' dgħajsa fuq il-permess.

**5.Komunikazjoni tas-Sindku**

5.1 Is-Sindku issuġġeriet lill Kunsill illi aktar tard din is-sena għandu jinħareġ 'Tender' għal kiri ta' van tax-xogħol biex b'hekk jinqala x'jinqala il-Kunsill ikollu van għax-xogħolijiet u għal kwalunkwe bżonn li jista jinqala.

Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

5.2 Is-Sindku infurmat il-Kunsill dwar xewqa ta' resident li b'mod volontarju jieħu ħsieb in-naħa tal-ġenb tal-Knisja kif ukoll jieħu ħsieb li jsaqqi din l-area.

Huwa issuġerixxa illi l-ilma tax-xita li jinżel minn Triq il-Kappuċini għandu jiġi milqugħ f'bir fil viċinanzi biex b'hekk ma jinħeliex u hu personali ikun aktar komdu isaqqi l-inħawi.

Il-Kunsill kollu qabel illi il-Kuntrattur tal-Kunsill għandu jmur fuq il-post u jara hu personali din il-biċċa tax-xogħol tistax issir u jekk iva itina kwotazzjoni formali.

5.3 Is-Sindku nfurmat lill Kunsill dwar żbir ta' siġar taż-żebbuġ li ser ikun qed isir minn ħaddiema professjonali fil-ġranet li ġejjin ġewwa Triq is-Sibi kif ukoll fi Triq l-Isptar Navali wara li nġiebu permessi neċessarji mil-MEPA kif suppost.

5.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li ser tkun qed tibgħat 'reminder' lill-Gvern Ċentrali dwar il-problema ta' ħruq ta' tyres u storbju fil-Bajja ta' Rinella, kif ukoll ser tkun qed tinforma il-Pulizija biex b'hekk iduru aktar ta' spiss lejn din in-naħa

Is-Sindku qalet ukoll illi ser tkun qed titlob il-Gven Ċentrali biex jitwaħħlu aktar tabelli biex tinżamm il-Bajja aktar nadifa fuq suġġeriment tan-nies stess.

5.5 Is-Sindku issuġġeriet fuq talba ta xi residenti illi Triq Gianni Raimondo k/w Triq il-Kappuċini għandha tiġi waħda one way minħabba il-periklu li qed jinħoloq għas-sewwieqa. Din għandha tiġi bl-approvazzjoni assoluta ta' Transport Malta inzul minn Triq Giovanni Ricasoli u tlugħ biss għal Triq Gianni Raimondo

Il-Kunsilliera qablu unanimament dwar dan imsemmi hawn fuq.

5.6 Is-Sindku informat lill-Kunsill dwar konferenza li hi personali attendiet aktar kmieni dan ix-xahar bl-isem ta' ECAD li ġew koperti varji suġġetti rigward id-drogi fil-lokalitajiet.

Is-Sindku ukoll talbet lill-Kunsilliera biex bħal ma kien isir fis-snin li għaddew tiġi imħallsa il-'membership fee' bħala lokalita' biex b'hekk il-Kunsill jerġa jissieħeb u jkun parti minn dan il-grupp.

Il-Kunsill kollu qabel li għandna nerġgħu nħallsu il-'membership fee' biex b'hekk inkunu parti minn dan il-grupp.

5.7 Is-Sindku informat lill Kunsill dwar kors tal-'line dancing' li hija stess imħajjra torganizza għar residenti kif ukoll infurmat il-Kunsill dwar ħarġa li ser tkun qed tagħmel għal anzjani u l-familja fuq kultura f'Għawdex nhar l-24 ta' Ġunju 2015.

## 6.KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERA

### 6.1 <u>*Il-Viċi Sindku Christopher Bruno għadda dawn il-punti*</u>

**a.** Is-Sur Chris Bruno f'isem il-Kunsilliera Maria Sultana ressaq il–punt ta' hawn taħt:

- Tindif u 'maintenance' tal-funtana ta Misrah Arċisqof Gonzi

Is-Sindku informat lill Kunsill illi dan ix-xogħol diga huwa ippjanat fil-ġimgħat li ġejjijn minħabba il fatt illi it-temp ma ippermettiex li jsiru ċertu xogħolijiet fil-funtana aktar kmieni din is-sena.

**b.** Is-Sur Chris Bruno saħaq illi hemm bżonn li tintbgħat email lill-Każin tal- Banda Sagra Familja illi għad hemm toqba tal-arbli tal-Festa miftuħa u ta' periklu fi Triq Marina eżatt fejn ir-roundabout.

**c.** Is-Sur Chris Bruno talab lis-Seg.Eżek tagħmel rapport formali lis-sanita' rigward ġrieden kbar li hemm in-naħa tal-area tax-Xewkija.

**d.** Is-Sur Chris Bruno irringrazzja lill Kunsill formalment dwar id-dwal li reġgħu inxtelu ix-Xatt wara li kellhom il-ħsara pero' issuġerixxa li issir 'flood light' oħra ix-Xatt in-naħa ta' fejn jispiċċa il-bandli (fit-taraġ) minħabba l-abbużi li qed isiru f'dawk l-inħawi.

**e.** Is-Sur Chris Bruno staqsa lill Kunsill dwar l-iskema li inħarġet aktar kmieni dan ix-xahar fuq tħaddim ta' priġuniera mal-Kunsill.

Is-Sindku ikkonfermat illi l-Kunsill wieġeb formalment għal din l-iskema biex jekk ikun hemm xi ħadd interessat aħna ser inkunu qegħdin naċċettawh għal xogħlijiet li jistaw isiru fuq barra mal-kumplament tal-ħaddiema.

6.2 ***Kunsillier-Is-Sur Pawlu Bongailas***

*a.* Is-Sur Pawlu Bongailas staqsa jekk hemmx kollox preparat u ordnat għal attivita' tas-6 ta' Ġunju 2015.

Huwa saħaq illi hemm bżonn jiġi iffinalizzat kollox inkluż il-program minħabba il-fatt li fadal biss ġimgħa għal din l-attivita' biex b'hekk ikun kollox preparat u organizzat kif suppost.

Is-Sur Chris Bruno ikkonferma illi l-affarijiet mixjijn minn naħa tiegħu kif ukoll fadallu jġib xi konfermi.

Is-Sinjura Sindku ikkonfermat ukoll illi l-persuna inkarigata mill-qari waqt l-attivita' ikkonfermat ukoll li se tattendi.

Kulħadd qabel illi għandhom jintbgħatu l-scripts kif ser jiġu moqrija waqt l-attivita' lin-nies ikkonċernati biex b'hekk jilħqu jipprepaaw minn naħa tagħhom ukoll

**TMIEM**

Is-Seduta intemmet fl-10:30pm u ġiet aġġornata għal-Hamis 25 ta' Gunju 2015 fil - 5:00pm.

**Speranza Chircop**
**Sindku**

**Elaine Caruana**
**Seg.Eżek.**